MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 19/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Abdul Hamed Tlass, u**
**Abdul Majid Tlass**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra **Abdul Hamed Tlass**, imwieled Homs, fis-Sirja, fl-20 ta' Gunju 1986, iben Hussein u Hamida, gja residenti fic-centru tal-akkomodazzjoni f'Ta' Kandia, detentur tan-numru tal-pulizija ta' l-immigrazzjoni 08AZ-003 u detentur ta' Passaport Sirjan numru 3043225, u **Abdul Majid Tlass**, imwieled Sukhna, fis-Sirja, fit-8 ta' Marzu 1980, iben Hussein u Hamida, gja residenti numru 5, Triq Sant Anna, Tarxien, detentur ta' Passaport Sirjan numru 4699395, talli:

<u>Abdul Hamed Tlass wahdu</u>, fil-15 ta’ Jannar 2008 u fiz-zminijiet ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, ghall-habta tas-7.00 pm u hinijiet ta’ wara kif ukoll ta’ qabel, meta kien detenut fl-*Accommodation Centre* Ta’ Kandia bil-hsieb attenta biex jikkommetti harba mill-post ta’ kustodja, liema attentat ta’ harba kien bil-hsieb li jsir bi ksur ta’ dan il-post ta’ kustodja; u lill

<u>Abdul Majid Tlass wahdu</u> talli (**1**) fil-15 ta’ Jannar 2008 u fiz-zminijiet ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, ghall-habta tas-7.00 pm u hinijiet ta’ wara kif ukoll ta’ qabel, irrenda ruhhu komplici fl-attentat ta’ reat, u cioe` fl-attentat ta’ harba mill-post ta’ kustodja ta’ huh Abdul Hamed Tlass li f’dan iz-zmien kien jinsab detenut fl-*Accommodation Centre* ta’ Kandia, liema attentat ta’ harba kien bil-hsieb li jsir bil-ksur ta’ dan il-post ta’ kustodja, kif ukoll (**2**) talli kiser il-kundizzjoni ta’ sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-23 ta’ Dicembru 2007 li permezz taghha huwa kien gie lliberat skond l-Artikolu 22(1) tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mid-data ta’ dik is-sentenza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta’ Jannar 2008 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni, ikkundannat lil Abdul Hmed Tlass ghall-piena ta’ tmintax-il xahar prigunerija, u lil Abdul Majid Tlass (dejjem fuq ammissjoni) ghall-piena ta’ ghoxrin xahar prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmija Abdul Hamed Tlass u Abdul Majid Tlass, minnhom ipprezentat fit-30 ta’ Jannar 2008, li permezz tieghu talbu r-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta’ Frar 2008; semghet ukoll fl-imsemmija udjenza lill-Ispettur tal-Pulizija Edel Mary Camilleri, li xehdet fuq rikjesta tal-Qorti; ikkunsidrat:

Permezz ta’ nota ppresentata fl-imsemmija udjenza tal-5 ta’ Frar 2008, l-appellanti cedew it-tieni aggravju minnhom imressaq fir-rikors ta’ appell taghhom. Ghalhekk jibqa’ biss x’jigu kkunsidrati l-ewwel, it-tielet u r-raba’ aggravji.

L-ewwel aggravju ta' l-appellanti hu fis-sens li l-ewwel qorti ma osservatx dak li jippreskrivi l-Artikolu 392A tal-Kodici Kriminali peress illi ma kkonvertietx ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tat is-sentenza taghha bhala Qorti Istruttorja, u dan kif jirrizulta mill-kopja ufficjali tas-sentenza fejn il-qorti hija indikata bhala "Qorti Istruttorja". Dana l-aggravju, ibbazat kif inhu fuq formalizmu esagerat, hu infondat. Huwa minnu li, kjarament bi svista ta' min iddattiloskriva s-sentenza, l-intestatura taht l-arma ta' Malta hija "Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja", izda dan ma jfissirx li, kif kellha taghmel il-Qorti Inferjuri, hija ma kkonvertietx ruhha minn Qorti Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali. Kieku ma ghamlitx hekk kieku anqas biss ma setghet tippronunzja s-sentenza tat-23 ta' Jannar 2008, peress li kif inhu risaput il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ma tippronunzjax sentenzi ta' htija jew ta' kundanni – hija biss il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li tista' taghmel dan. Jigi osservat ukoll illi kieku verament id-decizjoni appellata kienet decizjoni moghtija mill-Qorti Istruttorja, allura l-appellanti anqas ghandhom dritt ta' appell peress li l-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali jaghti dana d-dritt ta' appell biss minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Fi kwalunkwe kaz, kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tosserva fis-sentneza taghha tal-10 ta' Lulju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Martin Dimech *omissis***, l-indikazzjoni ta' jekk il-Qorti tal-Magistrati hijiex "Qorti ta' Gudikatura Kriminali" jew "Qorti Istruttorja" – cioe` l-indikazzjoni ta' l-attribuzzjoni skond l-Artikolu 367(1) tal-Kodici Krminali – hija mehtiega biss skond il-Kap. 340 meta jkun qed jigi prezentat xi att fil-Qorti tal-Magistrati. Il-pronunzjament ta' sentenza ma jistax jigi ekwiparat mal-prezentata ta' xi att.

Ir-raba' aggravju hu fis-sens li l-appellant Abdul Majid Tlass hu indikat hazin fis-sentenza appellata, b'mod li dik is-sentenza ma taghmel ebda stat kontra l-persuna li proprjament jisimha Abdulmajid Tlas. Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Apparti li dana l-appellant indika lilu nnifsu fir-rikors ta' appell bhala Abdul Majid Tlass, varjazzjonijiet zghar ta' kif jinkiteb isem jew kunjom la

jgibu n-nullita` tas-sentenza u anqas ma jwasslu ghall-konsegwenza li dik is-sentenza ma tkunx tista' tigi esegwita. L-importanti hu li l-persuna imputata u eventwalment ikkundannata tkun tista' tigi identifikata. Hadd – inkluza din il-Qorti u l-appellant innifsu – sa issa ma kellu l-icken diffikulta` sabiex jidentifika min huwa Abdulmajid Tlas jew Abdul Majid Tlass (li l-konnotati tieghu huma indikati fil-bidu ta' din is-sentenza kif ukoll fil-bidu tas-sentenza appellata) li gie kkundannat ghoxrin xahar prigunerija.

It-tielet aggravju tal-appellanti hu fis-sens li l-ewwel qorti messha applikat id-disposizzjoni tas-subartikolu (3) ta' l-imsemmi Artikolu 392A, u cioe` messha, minkejja l-ammissjoni taghhom, ordnat li l-kumpilazzjoni titmexxa 'l quddiem bhallikieku huma ma wegbux li huma hatja, u dan peress li – dejjem skond l-appellanti – jirrizulta car mill-atti mhix biss li huma ma kienux qed jifhmu l-import ta' l-ammissjoni taghhom izda li kien palesi wkoll li ma kien hemm ebda tentattiv ta' harba ghax ma kienx hemm il-bidu ta' l-esekuzzjoni tad-delitt. F'dana l-aggravju hemm inkorporat – ankorke` b'mod indirett hafna – aggravju dwar il-piena. Dwar dan it-tielet aggravju, din il-Qorti tosserva li mill-verbal ta' l-udjenza tas-17 ta' Jannar 2008 quddiem l-ewwel qorti jirrizulta li l-appellanti kienu assistiti legalment permezz ta' l-avukata Dott. Mariella Said; li wiehed minnhom, li ma kienx jifhem bil-Malti (Abdul Hamed Tlass), kellu l-assistenza ta' interpretu; li l-imputati wiegbu liberament ghall-mistoqsija jekk kienux hatja ta' l-imputazzjoni jew imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; li huma inghataw zmien biex jahsbuha kif provvdut fl-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali; u li meta gew mistoqsija jekk kellhomx zmien bizzejjed sabiex jikkunsidraw l-ammissjoni taghhom, jekk jafux x'pieni hemm marbutin ma' l-akkuzi migjuba kontra taghhom, u xi jridu jwiegbu ghall-istess, huma, fi kliem il-verbal "Wiegbu fl-affermattiv ghall-ewwel zewg domandi, u wiegbu li huma hatja". Quddiem ammissjoni tant cara u wara li ttiehdu l-kawteli kollha skond il-ligi, din il-Qorti ma tista' b'ebda mod tghid li kien hemm xi nuqqas procedurali li jista' jwassalha biex tirrevoka s-sentenza appellata. Dan mhux il-kaz ta' xi ammissjoni maghmula bi zball – fis-sens li l-appellanti

ammettew meta ma ridux jammettu, jew ma kienux qed jifhmu li qed jammettu; anqas ma hu l-kaz ta’ xi malintiz, bhal meta huma ma jkunux qed jammettu izda l-qorti tahseb li qed jammettu. Dan hu kaz fejn huma ammettew liberament u konsapevolment ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom, izda wara kellhom ripensament, jew ahjar pentiment, meta rrealizzaw li kellhom difiza tajba xi jgibu ‘l quddiem u naqsu milli jgibuha. Dan hu kaz fejn din il-Qorti tista’ biss tghid *“imputet sibi”*.

Madanakollu, kif diga gie osservat, dana l-aggravju jimplika wkoll aggravju dwar il-piena inflitta. Issa, kif tajjeb osservaw l-abbili difensuri ta’ l-appellanti, il-provi (inkluza d-deposizzjoni tal-Ispettur Camilleri quddiem din il-Qorti) kienu juru, aktar milli tentattiv ta’ harba bi ksur tal-post u komplicita` f’tentattiv ta’ harba bi ksur tal-post, assocjazzjoni (ossia kospirazzjoni) fir-reat (delitt) ta’ harba bi ksur. Il-parametri tal-piena ghal tali kospirazzjoni hija minn minimu ta’ disa’ (9) xhur prigunerija sa massimu ta’ sentejn (2) prigunerija. Ghalhekk hemm lok ta’ riduzzjoni fil-piena bil-mod infraskritt.

Ghall-motivi premessi tiddisposni mill-appell interpost biss u limitatament billi tirriduci l-piena kif ser jinghad: minflok tmintax-il xahar prigunerija, Abdul Hamed Tlass ghandu jservi erbatax-il (14) xahar prigunerija (dekorribbli mid-data ta’ l-ewwel sentenza, cioe` mit-23 ta’ Jannar 2008), filwaqt li Abdul Majid Tlass minflok ghoxrin xahar prigunerija ghandu jservi sittax-il (16) xahar prigunerija (ukoll dekorribbli mit-23 ta’ Jannar 2008). Mill-bqija, cioe` ghal dak li hu sejbien ta’ htija, kollox jibqa’ kif deciz mill-ewwel qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------